**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Daniel Zammit]**

**vs**

**Amadeo Grima**

**Kumpilazzjoni Numru: 368/2011**

**Illum, 10 ta' Gunju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Amadeo Grima detentur tal-karta tal-identita` numru 259780M:

Akkuzat talli gewwa l-Mosta, nhar il-31 ta' Awwissu 2002, ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs), ikkommetta

serq minn gewwa l-hanut 'Da Michelina Confectionery' sitwat fi Vjal il-Qalbiena Mostin, Mosta, ghad dannu ta' Michael Buttigieg, liema delitt huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329,37;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara taqbez mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (Eur 116.47) izda mhux elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (Eur 1164.69) u li saret ghad-detriment tas-sidien u diretturi ta' 'Da Michelina Confectionery';

U aktar talli irrenda ruhu ricediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu kif ukoll talli wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnejn (2) ta' Marzu, elfejn u hdax (2011) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-istqarrija tal-imputat;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat serq u sgass ta' hanut ossia *confectionary* li jinsab gewwa l-Mosta.

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat **Amadeo Grima** ghazel li ma jwegibx ghad-domandi tal-Ispettur.

Xehed **Michael Buttigieg** li qal li fis-sena 2002 kellu hanut bl-isem Da Michelina Confectionery li kien fi Vjal il-Qalbiena Mostin, Mosta. Qal li jiftakar li kien ghalaq il-hanut ghall-habta tas-2:00pm bil-hsieb li jmur id-dar li tinsab faccata u jiekol xi haga u

mbaghad jerga’ jiftah fl-4.00pm. Qal li ma kienx nizzel ix-*shutter* izda kien sakkar il-hanut fuq il-bieb tal-*aluminium* u dan kif kien jaghmel is-soltu. Ghall-habta tat-3:10pm gie jhabbatlu l-gar tieghu li infurmah li kien mar jixtri u sab il-bieb miftuh. Ix-xhud qal li fil-pront mar il-hanut u sab “*rebus*”. Stqarr illi kienu nsterqu Lm485 fi flus kontanti. Kienu nsterqu wkoll *credit cards*, il-karta tal-identita` tieghu u kien hemm xi xorb u sigaretti neqsin. Qal li bhala valur kien hemm Lm162 bhala xorb u Lm160 bhala sigaretti. Qal ukoll li bhala hsarat kien hemm il-*lock* ta’ kexxun u anki tal-bieb ta’ barra li kienu jammotaw ghal Lm21. Ix-xhud spjega li m’ghandux ideja min hu l-imputat. Qal ukoll li mill-kumpanija assiguratrici ha biss Lm318 u di fatti ma hax lura l-flus kontanti li nsterqu.

Xehed **PS 659 Jeffrey Hughes** li qal li kien gie nominat bhala *Scene of Crime Officer* flimkien ma’ PS 171 Karl Glanville fl-inkjesta li kienet tirrigwarda serq minn gewwa hanut Da Michelina Confetionery. Huwa qal li kien ezamina l-fond ghall-impronti digitali u kien anki eleva diversi impronti filwaqt li l-kollega tieghu PS 171 kien inkarigat biex jigbed xi ritratti. Ix-xhud gharaf ir-relazzjoni kongunta tieghu u tal-kollega tieghu (din ir-relazzjoni li giet immarkata bhala Dok. GH tinsab esebita a fol.

141 et seq.). Minn dan ir-rapport jirrizulta li s-*scene of crime officers* marru fil-hanut inkwistjoni fejn innutaw li ma kien hemm *"l-ebda taqlib hlief ghal tray tal-flus tal-cash register li kien qieghed ma' l-art wara l-counter."* Jirrizulta li s-*scene of crime officers* elevaw diversi impronti fosthom impronta li giet misjuba fuq it-*tray* tal-flus tal-*cash register* li kien qieghed ma' l-art wara l-*counter*.

Xehed il-**Maggur Edgar Dalli** li qal li kien gie mitlub mill-Ispettur biex jaghmel ezami komparattiv bejn *lifters* li gew elevati minn fuq il-lok u l-impronti digitali ta' Amadeo Grima (ID 259780M). Ix-xhud qal li huwa gie moghti l-impronti ta' Amadeo Grima u ghalhekk qal li ma kienx huwa li hadhom. Huwa pprezenta r-rapport li hejja fejn qal li sab "*impronta li kienet elevata jew ahjar li qaluli li kienet giet elevata minn fuq gewwa l-fond u precizament minn fuq tray tal-flus u dan hemm ukoll ritratt stess u dan ikkomparajtu mas-subgha tac-curkett tal-id il-leminija ta' dan Amadeo Grima*." Ir-rapport gie mmarkat bhala Dok. ED u jinsab a folio 132 et seq. Fl-istess rapport ix-xhud jghid hekk:

*"Illi mill-ezamijiet li saru jirrizulta li l-impronta fuq il-kopja tal-lifter ddokumentat 02 CCH 303 taqbel mas-saba tac-curkett tal-id il-leminija ta' Amadeo Grima ID 259780M."*

Xehdet **Sue Fenech** li pprezentat il-proces verbal redatt mill-Magistrat Miriam Hayman dwar serq bi sgass mill-fond kummercjali 'Da Michelina Confectionary', Vjal il-Qalbiena Mostin, Mosta li jinsab a folio 77 et sequitur.

Xehed **Joseph Mallia** li gie nkarigat biex jiehu l-impronti tal-imputat li gharaf fl-awla u jaghmel komparazzjoni mal-*lifters* li gew elevati u esebiti mis-*scene of crime officers*. Huwa pprezenta r-relazzjoni tieghu li gie mmarkat bhala Dok. JM1 (a fol. 98 tal-process). Ix-xhud qal li kkonkluda li kien hemm impronta li qablet posittivament. Fl-istess rapport ix-xhud jghid li *"l-ewwel (1) impronta li giet elevata permezz tal-lifter dokument 02 CCH 303 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba tac-curkett tal-id il-leminija ta' Amadeo Grima, li joqghod fil-fond blokk numru 8, Unit numru 1, Housing Estate, Rinella, Kalkara, detentur tal-karta tal-identita` numru 259780M."*

Illi mill-istess rapport jirrizulta li dokument 02 CCH 303 tikkonsisti f'impronta digitali misjuba fuq it-*tray* tal-flus tal-*cash register* li kien mal-art wara l-*counter*.

Xehed **PS 171 Karl Glanville** li kkonferma r-relazzjoni li ghamel konguntivament ma' PS 659 Jeffrey Hughes fejn qal li huwa kien gie inkarigat biex jiehu ritratti tax-xena tad-delitt.

Xehed **PS 430 Andrew St John** li qal li fil-bidu ta' Marzu 2011 kien qed jinvestiga serqa li saret minn go hanut go Vjal il-Qalbiena Mostin, Mosta. Dakinhar stess kien suspettat Amadeo Grima li huwa gharaf fl-awla. Ix-xhud qal li kellu struzzjonijiet sabiex jiehu l-imputat fuq il-post izda Amadeo Grima cahad li qatt resaq "*hemm hekk u lanqas kien jaf li kien hemm hanut partikolari gewwa tali triq. L-imputat ittiehed lura s-CID fejn hadulu stqarrija wara li nghata s-solitu twissija.*" Ix-xhud qal li l-imputat cahad kategorikament li kien mar hemmhekk. Zied jghid li dakinhar li ha l-imputat fuq il-post staqsieh jekk qatt kien dahal fil-hanut bhala klijent biex jixtri xi haga fejn l-imputat rega' qal li lanqas biss kien jaf li hemm hanut hemmhekk.

Il-Prosekuzzjoni esebiet disa' (9) sentenzi ghar-rigward tar-recidiva u cioe`:

1. Il-Pulizija vs Amadeo Grima et moghtija mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli fit-22 ta' Dicembru 2009 fejn gie kkundannat ghal tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal erba' snin;
2. Il-Pulizija vs Amadeo Grima moghtija mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman fl-24 ta' April 2009 fejn gie kkundannat disa' xhur prigunerija u multa ta' €233;
3. Il-Pulizija vs Amadeo Grima moghtija mill-Magistrat Dr. Anthony J Vella fis-26 ta' Ottubru 2006 fejn gie kkundannat ghal sentejn prigunerija;
4. Il-Pulizija vs Amadeo Grima et moghtija mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona fis-27 ta' Lulju 2006 fejn gie kkundanant ghal tmintax-il xahar prigunerija;
5. Il-Pulizija vs Amadeo Grima moghtija mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi fl-24 ta' Mejju 2006 fejn gie kkundannat ghal sena pringunerija, multa ta' elf lira Maltin u sentejn prigunerija skont sentenza sospiza moghtija fl-14 ta' Mejju 2003;

6. Il-Pulizija vs Amadeo Grima et moghtija mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman fil-11 ta' Awwissu 1998 fejn gie kkundanant ghal tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin;
7. Il-Pulizija vs Amadeo Grima moghtija mill-Imhallef Onor. Joseph G. Galea Debono fit-12 ta' Lulju 2007 fejn is-sentenza ta' tmien xhur prigunerija sospizi ghal sentejn giet revokata ghal tmien xhur prigunerija b'effett immedjat;
8. Il-Pulizija vs Amadeo Grima moghtija mill-Imhallef Onor. Vincent Degaetano fit-3 ta' Marzu 2000 fejn ir-rikors tal-appell ta' Amadeo Grima gie ddikjarat irritu u null;
9. Il-Pulizija vs Amadeo Grima moghtija mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke fit-12 ta' Mejju 2016 fejn gie kkundannat ghal erba' snin prigunerija kif ukoll il-konfiska favur il-Gvern tad-depoziti u garanziji personali li jammontaw ghal €25,000 li ghandhom jithallsu fi zmien tliet snin. Fl-istess sentenza l-Qorti rrakkomandat lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha kontra l-vizzju tad-droga.

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2014 quddiem il-Magistrat Dr. Tonio Micallef Trigona l-imputat iddikjara li m'ghandux provi u fl-istess seduta l-Qorti staqsiet lill-imputat jekk joggezzjonax

illi jaghmel servizz fil-komunita` fejn l-istess imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni. Ghaldaqstant il-Qorti kif diversament presjeduta nnominat *probation officer* sabiex jiddikjara jekk l-imputat huwiex idoneju sabiex jaghmel xoghol fil-komunita`.

Illi xehdet l-ufficjal tal-*probation* **Charlotte Fabri** li esebiet ir-rapport taghha u li gie mmarkat bhala Dok. CF. Fl-istess rapport gie rrakkomandat is-segwenti:

> *"Matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport, gie nnutat li Amadeo Grima mhux persuna affidabbli hekk kif matul il-gbir tal-informazzjoni bidel diversi verzjonijiet. Huwa ammetta wkoll li gieli jixrob b'mod eccessiv filwaqt li matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport irrizulta li ghadu qed jaghmel uzu mid-droga eroina u d-droga kannabis. Ghaldaqstant fid-dawl tal-informazzjoni migbura, jirrizulta li Amadeo Grima mhux kandidat idoneu sabiex iwettaq ordni ta' servizz fil-komunita`."*

Rat illi fil-11 ta' Marzu 2019 il-partijiet irrimettu ruhhom ghall-provi u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta dwar serq bi sgass ta' hanut *ossia confectionery* li jinsab gewwa l-Mosta fejn l-allegat reat twettaq meta ma kien hemm hadd il-hanut u ghalhekk kif jirrizulta mill-atti processwali hadd ma ra lill-imputat jesegiwixxi dan id-delitt li bih jinsab akkuzat. Da parti tieghu l-imputat ma wegibx ghad-domandi li sarulu waqt l-interrogazzjoni u lanqas ma xehed f'dawn il-proceduri u di fatti l-imputat ma ressaq l-ebda provi difiza.

Illi l-fulkrum ta' dawn il-proceduri huwa r-rapport tal-espert Joseph Mallia li kkonstata li wiehed mill-impronti digitali li gew elevati minn gewwa l-hanut Da Michelina Confectionery mis-*scene of crime officers* irrizulta identiku ghall-impronti tal-imputat li ttiehdu mill-espert Joseph Mallia.

Illi ghalhekk konfrontata b'din il-prova cirkostanzjali l-kwistjoni tibqa' jekk fil-fatt din il-Qorti ghandhiex bizzejjed provi sabiex tkun moralment u legalment sodisfatta oltre d-dubju ragjonevoli bil-kolpevolezza tal-imputat.

Il-Qrati nostrani kellhom ic-cans li jiddibattu l-kwistjoni tal-prova cirkostanzjali f'numru ta' decizjonijiet.

Fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad e**t deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2014 fejn intqal li:

*"Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Fil-kawza bl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v George Spiteri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) il-Qorti sostniet is-segwenti:

*"Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w'allura, kull*

*dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skont il-ligi".*

Fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v Paul Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) intqal illi:

*"Il-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat."*

Ugwalment fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v James Abela** deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-hdax (11) ta' Lulju elfejn u tnejn (2002) gie ddikjarat illi:

*"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi*

*konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact”....F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin”.*

Finalment fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Superjuri bl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada** datata l-hmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) gie ddikjarat illi:

> *"L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu ghall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-htija tieghu. L-indizji, biex jaghmlu prova, jehtieg li jkunu univoci".*

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 Edition Para 10-3) b'riferenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz Teper vs. R (1952) jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more*

*than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi ghalhekk, mhux kull prova cirkostanzjali hija ugwalment importanti u b'sahhitha. Ghandha tkun infatti d-diskrezzjoni tal-Qorti li tizen kull bicca ta' evidenza migjuba fil-proceduri biex tigi ghall-konkluzjoni jekk il-prosekuzzjoni ippruvatx il-kaz taghha oltre d-dubju ragjonevoli. Illi huwa risaput illi bi provi cirkostanzjali wehidhom, f'certi kazijiet, jista' jkun hemm htija.

Illi l-gudikant ghandu jkollu s-serhan tal-mohh li anke jekk ikollu prova cirkostanzjali wahda, din ghandha tkun bizzejjed sabiex ikollu l-konvinzjoni morali u legali li kollox jindika li l-imputat ikkommetta dak id-delitt.

Illi minn dawn il-provi jirrizulta illi l-unika prova li l-Qorti ghandha quddiemha li tista' timplika lill-imputat hija l-impronta digitali li giet elevata minn fuq it-*tray* tal-flus tal-*cash register* li kien qieghed mal-art wara l-*counter* u li allura kienet tinsab gewwa l-hanut Da Michelina Confectionery. Illi l-espert Joseph Mallia kkonstata li l-impronta digitali elevata minn dan it-*tray* tikkombacja mal-impronta ta' Amadeo Grima. Skont l-istess espert l-impronta digitali qablet posittivament u hija fil-fatt identika mal-marka tas-saba tac-curkett tal-id il-leminija ta' Amadeo Grima. Din il-konkluzjoni hija bizzejjed sabiex tikkonvinci lil dina l-Qorti illi kien proprju l-imputat li kien involut fil-kummissjoni tar-reat li bih jinsab akkuzat.

> *"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja - "circumstantial evidence" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull*

*dubbju dettat mir-raguni li dik l- impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat."* – (**Il-Pulizija vs Noel Frendo** deciza 30 ta' Novembru 2004 – Appelli Kriminali Inferjuri)

Hawnhekk il-Qorti tirrimarka li l-*lifter* bl-impronti digitali li gie elevat mill-hanut inkwistjoni ma ttiehidtx min-naha ta' barra tal-hanut jew minn fuq il-bieb tal-istess hanut izda proprju minn fuq *tray* tal-flus tal-*cash register* li kien jinsab gewwa l-hanut li jfisser *multo magis* li Amadeo Grima acceda fil-hanut Da Michelina Confectionery. Din ir-rizultanza xjentifika tikkontrasta ma' dak li xehed PS 430 Andrew St John u cioe` li l-imputat cahad mieghu li resaq hemmhekk. L-istess xhud stqarr li l-imputat qallu li qatt ma kien dahal fil-hanut bhala klijent biex jixtri xi haga u fil-fatt laqas kien jaf li kien hemm hanut hemmhekk.

Illi l-Qorti tirrileva li l-imputat ma ressaq l-ebda prova in difiza biex almenu jaghti spjegazzjoni ta' kif l-impronti tieghu spiccaw fuq it-*tray* tal-flus li kien mal-art fil-hanut.

Illi l-Qorti ghandha quddiemha prova cirkostanzjali ta' impronti digitali li nstabet fil-hanut Da Michelina Confectionery li taqbel ma' dik tal-imputat. Illi l-Qorti ghalhekk m'ghandhiex dubju illi sehhet dina s-serqa kif irrapurtat u li fiha kien involut l-imputat billi kien hemm impronti digitali tieghu fuq *tray* gewwa l-hanut u ghalhekk ma jistax ikun hemm dubju illi l-imputat kien prezenti gewwa l-imsemmi hanut. F'dan is-sens il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' Magistrati (Malta) deciza fis-6 ta Gunju 2012 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Josef Farrugia** fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

*"... jirrizulta bhala fatt mhux ikkontestat illi fid-29 ta' Novembru 2006 sehhet serqa minn gewwa l-vettura AGU150. Illi il-Qorti ghandha quddiemha prova cirkostanzjali ta' impronta digitali li instabet fuq din il-vettura meta giet ezaminata mill-ufficjali tat-Taqsima tal-Forensika fid-29 ta' Novembru 2006 li jaqbel ma' dik ta' l-imputat. Illi meta d-derubata tixhed fil-Qorti hija tghid illi sabet xi pouches bic-CDs neqsin. Illi l-Qorti ghalhekk ma ghandhiex dubbju illi sehhet dina s-serqa kif irrapurtat u li fiha kien involut l-imputat billi kien hemm impronti digitali tieghu fuq kontentitur gewwa l-karozza,*

*u precisament fuq is-seat tal-passiggier u ghalhekk ma jistax ikun hemm dubbju illi l-imputat kien prezenti gewwa dina l-vettura. Illi sabiex l-imputat kiseb access ghal dina l-vettura huwa ghamel hsara fl-istess u kwindi anke it-tieni akkuza tirrizulta ippruvata."*

Illi l-Qorti terga' taghmel riferenza ghal dak li ntqal mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kaz **Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et** hawn fuq citata fejn gie ritenut li: "*Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".* Fil-kaz odjern il-Qorti hija konvinta oltre kull dubju li l-prova mressqa mill-Prosekuzzjoni konsistenti fil-konkluzjoni tal-espert Joseph Mallia hija certament prova indizzjarja li tipprova fatt bi precizjoni matematika. B'riferenza wkoll ghal **Archbold,** ukoll hawn fuq citat, ma tezisti l-ebda prova f'dawn il-proceduri li b'xi mod titfa' dubju fuq il-prova indizzjarja u fuq is-sejbien ta' htija a bazi ta' prova cirkostanzjali.

Illi tenut kont ta' dan u konfrontata b'tali evidenza xjentifika l-Qorti hija konvita oltre kull dubju dettat mir-raguni li kien proprju l-imputat li kien dahal fil-proprjeta` ta' Michael Buttigieg fejn

skont l-istess derubat spicca seraq flus kontanti, xorb u sigaretti fost affarijiet ohra u ghalhekk ghandu jigi kkundannat ghaliha.

Il-Qorti pero` tirrileva li mhijiex ser tiehu inkonsiderazzjoni l-aggravju tal-mezz stante li ma ngabet l-ebda prova f'dan ir-rigward.

Illi l-imputat huwa akkuzat ukoll talli volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor. Il-Qorti tinnota li ma hemmx dubju li gew ikkagunati hsarat fuq il-bieb tal-imsemmi hanut u dan a bazi ta' dak li xehed Michael Buttigieg u cioe` sid il-hanut pero` minkejja dan il-Qorti tirrimarka illi l-Prosekuzzjoni ma pproduciet l-ebda ricevuta biex tissustanzja l-valur tal-hsarat ikkagunati.

Illi ghar-rigward tal-addebita tar-recediva l-Prosekuzzjoni esebiet diversi sentenzi minn liema sentenzi jirrizulta li l-akkuza fuq ir-recidiva tal-imputat giet ampjament ippruvata. Il-Qorti tirrileva li ma jirrizultax pero` li l-imputat wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza u dan stante li l-perjodu operattiv kien diga` skada.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 31(1), 261(c), 267, 279(a), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Amadeo Grima hati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah ghall-piena komplessiva ta' ghaxar (10) xhur prigunerija, filwaqt li tilliberah mit-tieni (2) akkuza fuq nuqqas ta' provi.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tikkundanna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez peritali naxxenti minn dawn il-proceduri u li dawn jammontaw ghas-somma komplessiva ta' disa' mija sitta u ghoxrin ewro u sitt centezmi (€926.06c).

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**